# Tas-Sliema u l-Madonna tal-Karmnu
## - *It-Tieni Parti*

**Winston L. Zammit**
*B.A. (Hons.) P.G.C.E. M.A.*

Fil-ħarġa ta' dan il-programm tas-sena 2013 kont tajt tagħrif dwar il-Madonna tal-Karmnu u d-devozzjoni lejha f'Tas-Sliema. Wara li ppublikajt dan l-artiklu ltqajt ma' xi materjal ieħor fuq l-istess suġġett, għalhekk ħsibt sabiex nippublikah fil-ħarġa ta' din is-sena.

### Festi u Erbgħat tal-Udjenza (1914)
Artiklu miktub mill-Kanonku Dun Ġużepp Francalanza fir-rivistà Ir-*Reġina tal-Karmelu* (1914), jgħidilna li Tas-Sliema fit-tliet knejjes (il-Parroċċa Stella Maris, il-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor u l-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu), isiru festi u l-Erbgħat tal-Udjenza u fil-Parroċċa Stella Maris anke in-novena bil-prietka, iffundati minn devoti ta' Marija.[1]

### Fil-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu
Fix-Xatt ta' Tigne nsibu l-knisja ddedikata lil Ġesù Nazzarenu, li nbniet bejn l-1893 u l-1895[2] mill-Markiż Karlu Zimmerman Barbaro u martu Vittorja. Permezz ta' kuntratt bid-data tal-20 t'April 1919, l-imsemmi Markiż ċeda din il-knisja lill-Provinċja Maltija tal-Patrijiet Dumnikani. F'din l-għotja l-imsemmi Markiż inpona piżijiet u ċelebrazzjonijiet, fosthom iċ-ċelebrazzjoni tas-Seba' Erbgħat tal-Udjenza bir-Rużarju u l-Prietki.[3]

Kif rajna, dawn l-Erbgħat tal-Udjenza kienu qegħdin isiru fl-1914[4] baqgħu isiru fis-snin ta' wara[5] u kienu għadhom qegħdin isiru fl-1945, filgħodu b'quddiesa bil-prietka.[6]

### Pellegrinaġġ Marjan
Fid-9 ta' Mejju 1951, fl-okkażjoni tas-Seba' Ċentinarju tal-Labtu (1251-1951), sar pellegrinaġġ mill-Parroċċa ta' Stella Maris għas-Santwarju Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta. Dan kien immexxi mill-Kappillan Dun Ġużepp Inguanez u xi qassisin u fih ħadu sehem 400 ruħ.[7]

### Vokazzjonijiet Karmelitani Slimiżi
It-territorju ta' Tas-Sliema inqata' mill-parroċċa ta' Birkirkara f'Diċembru 1878 u sar parroċċa



Il-pellegrinaġġ li sar mill-Parroċċa ta' Stella Maris għas-Santwarju.

għalih. Mit-tiftix li għamilt jidher li matul l-aħħar 135 sena, mit-territorju kollu ta' Tas-Sliema ħarġu sitt vokazzjonijiet Karmelitani, li kienu Patri Ġużepp Fonde O.Carm (1879-1938), Patri Stiefnu Bezzina O.C. (1916-2007), Patri Daniel Sammut O.C. (1924-), Patri Richard Falzon O.C. (1943-), Patri Ġorġ Cassar O.C. (1944-1976) u Patri Charles Mallia O.C. Minn dawn is-sitt reliġjużi Karmelitani, tlieta minnhom ngħaqdu mal-Ħallieq tagħhom u għalhekk ser nagħtu ftit tagħrif dwarhom.

### Patri Ġużepp Fonde O.C. (1879-1938)
Twieled f'Tas-Sliema fis-26 ta' Ġunju 1879. Ingħaqad mal-Ordni Karmelitan fl-1895, ipprofessa fl-1896 u ġie ordnat saċerdot fl-1904.

Il-ħajja saċerdotali tiegħu għaddiha kważi kollha fil-kunvent tal-Belt Valletta u kien






Santa fl-okkażjoni tal-50 sena mill-ordinazzjoni ta' Patri Stiefnu O.Carm

jeżerċità l-Ministeri Pastorali fis-Santwarju Bażilika. Għal kważi għoxrin sena kien id-Direttur Spiritwali tal-Fratellanza ta' San Ġużepp.[8]

### Patri Stiefnu Bezzina O.C. (1916-2007)

Ġużeppi Bezzina twieled f'Tas-Sliema fit-28 ta' Marzu 1916. Wara li ngħaqad mal-Ordni Karmelitan għamel il-professjoni sempliċi fis-26 ta' Frar 1933, u dik solenni fl-4 t'April 1937.[9]

Fra Stiefnu Bezzina ġie ordnat djaknu f'ordinazzjoni li saret mill-Isqof Mikiel Gonzi fil-Katidral ta' Malta fl-1938.[10] Ġie ordnat saċerdot mill-istess Isqof f'Ordinazzjoni li saret fil-Katidral t'Għawdex fil-25 ta' Marzu 1939. F'Ħadd il-Għid tal-istess sena Patri Stiefnu ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Bażilika tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta u fil-Ħadd ta' wara ċċelebra quddiesa solenni fil-knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta.[11]

Kif spiċċat il-gwerra (1945) Patri Stiefnu O.C. flimkien ma' Patri Dumink Vassallo O.C. mar għal sena fi Sqallija biex jgħin lill-Patrijiet Karmelitani Sqallin.[12] Lura f'Malta fl-1948 ġie maħtur Amministratur tar-rivista *Il-Karmelu*[13] u wara l-Kapitlu Provinċjali ta' Mejju 1949 ġie maħtur prefett tal-istudenti.[14]

Għal xi żmien Patri Stiefnu kien il-Pirjol tas-Santwarju Bażilika tal-Belt Valletta[15] iżda wara għal ħafna snin kien jifforma parti mill-Komunità Karmelitana tal-Balluta fejn kellu wkoll il-kariga ta' Prokuratur tal-Festa.[16]

Nhar id-29 ta' Marzu 1989, Patri Stiefnu fakkar il-Ġublew tad-Deheb tal-Ordinanza Saċerdotali (1939-1989) b'quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali tal-Balluta.[17] Għaxar snin wara eżatt fil-25 ta' Marzu 1999, fakkar il-Ġublew tad-Djamanti tal-Ordinazzjoni Saċerdotali (1939-1999) b'quddiesa oħra fl-istess knisja.[18] Fl-aħħar snin ta' ħajtu Patri Stiefnu ġie rikoverat fid-Dar tal-Kleru Birkirkara fejn radd ruħu lil Alla, fil-15 ta' Novembru 2007, wara 74 sena ta' ħajja reliġjuża u 68 sena ta' saċerdozju.[19]

### Patri Ġorġ Cassar O.C. (1944-1976)

Patri Ġorġ Cassar twieled f'Tas-Sliema fil-25 ta' Settembru 1944, issieħeb mal-Ordni Karmelitan fl-1962 u għamel l-istudju tiegħu għas-saċerdozju fil-Kulleġġ San Ċirillu f'San Ġiljan.[20] Ġie ordnat djaknu f'ordinazzjoni li saret fil-Bażilika tal-Karmnu tal-Belt Valletta fis-6 t'Awwissu 1969, mill-Isqof Krmelitan Mons. Redent Cauchi O.C.[21] Ġie ordnat saċerdot fis-26 ta' Diċembru 1969, u wara l-ordinazzjoni ċċelebra quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali tal-Madonna tas-Sacro Cuor tas-Sliema.[22]

Wara l-ordinazzjoni, Patri Ġorġ wettaq il-ministeru pastorali fil-Parroċċa tal-Balluta, fejn kien jieħu ħsieb l-abbatini, kien Assistent Direttur tal-*Carmelite Youth Centre* u Direttur

Patri Ġorġ Cassar O.Carm



Spiritwali ta' diversi presidja tal-Leġjun ta' Marija.

F'Ottubru 1972 mar iwettaq il-Ministeru Pastorali fil-missjoni tal-Patrijiet Karmelitani fil-Bolivja, fejn kien fil-kariga ta' kappillan. Miet f'inċident tat-traffiku f'La Paz fit-28 ta' Frar 1976.[23]

**Riferenzi**


1 G. Francalanza, L-Oriġini tad-Devozzjoni f'Malta lejn il-Madonna tal-Karmnu, ir-Reġina tal-Karmelu 1914 (pġ 61).
2 Il-Portafoglia Maltese 13-1V-1893, 8-VII-1895.
3 D. Scerri, Il-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu f'tas-Sliema (1993) pġ 3.
4 G. Francalanza, op.cit Ir-Reġina tal-Karmelu 1914 (pġ 61)
5 Il-Karmelu, Lulju 1938 pġ 12.
6 IBID, Mejju 1945 pġ 32.
7 L. Sammut, Is-Santwarju tal-Karmnu pġ 242.
8 Il-Karmelu, Frar 1938 pġ 132.
9 Direttorju tal-Provinċja Karmelitana Maltija 2001 pġ 27.
10 Il-Karmelu Mejju 1938 pġ 130
11 Ibid Mejju 1939 pġ 184.
12 Ibid Mejju/Ġunju 1983 pġ 25.
13 Ibid Settembru 1948 pġ 14.
14 Ibid Ġunju 1949 pġ 63.
15 Ibid Marzu/April 1989 pġ 26.
16 S Abela Il-Karmelitani fil-Balluta 1890-2006 pġ 44.
17 *The Sunday Times* 9-IV-1989.
18 Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
19 Ibid
20 Il-Karmelu, Marzu-April 1976 pġ 8.
21 Ibid Diċembru 1969 pġ 175.
22 Ibid Marzu-April 1976 pġ 8.
23 Ibid






Anthony Preca
Jewellery Est. 1868
Anthony Preca - Proprietor
**35, 157, St Lucia Street, Valletta**
**Tel: 2122 1165**
**Fax: 2123 8535**
***Large assortment of Engagement Rings, Gold and Silver Giftware***